MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 763/2007

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA) –**

**Employers` Association Number : 289**

***kontra***

**(i) Deutsche Lufthansa AG (Malta) Reg. No. OC 115**

**(ii) Deutsche Lufthansa AG (Germany) Reg. No. Koln HRB 2168**

***u***

**(iii) International Air Transport Association ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat illi l-assocjazzjoni attrici pprezentat fis-**<u>16 ta` Lulju 2007</u>** li jaqra hekk :-

*Illi l-Assocjazzjoni rikorrenti li tirrapprezenta l-interessi kummercjali tal-Agenti tal-Ivvjaggar, operaturi f`Malta, membri tal-FATTA, taghmel riferenza ghall-prattika adoperata mis-socjetajiet intimati, li huma l-linja tal-ajru nazzjonali Germaniza fil-konfront tal-Agenti tal-Ivjaggar li huma akkreditati mal-IATA (International Air Transport Association) u liema prattika hija maghrufa bhala n-'net fair scheme' ;*

*Illi jezisti arrangament formali bil-miktub u cioe` dak formalment maghruf bhala l-Passanger Sales Agency Agreement (PSAA) li permezz tieghu tkun regolata r-relazzjoni kummercjali bejn l-agenti tal-ivjaggar akkreditati mal-IATA u s-socjetajiet intimati ;*

*Illi s-socjetajiet intimati ghazlu li jiksru Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikament Artikolu Numru 9 li jikkontempla " … u cioe` li l-agent tal-ivjaggar ghandu jkun mhallas rimunerazzjoni ghas-servizz rez minnu ghal-linja tal-ajru", f`dan il-kaz lis-socjetajiet intimati ;*

*Illi s-socjetajiet intimati qed jiksru tali obbligu kummercjali permezz ta` bejgh dirett ta` biljetti tal-ajru minn fuq l-internet mill-website tal-istess socjetajiet intimati billi qed joffru biljetti tal-ajru ghal rotot operati mis-socjetajiet intimati bl-istess prezzijiet li l-agent tal-ivjaggar ghandu ghad-disposizzjoni tieghu mill-istess socjetajiet intimati, liema prezzijiet ma jinkludux il-profitt tal-agent tal-ivjaggar li huwa appuntu r-rimunerazzjoni dovuta fuq il-bejgh ta` kull biljett kif huwa stipulat fl-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) ;*

*Illi appuntu l-prattika adoperata mis-socjetajiet intimati tan-'net fare scheme' tramite l-website taghhom hija kkonsidrata bhala diskriminatorja fil-konfront tal-agent tal-ivjaggar li ma jistax ibiegh biljetti tal-ajru bi prezzijiet offruti mis-socjetajiet intimati jekk ma jirrinunzjax ghar-rimunerazzjoni tieghu li wara kollox hija bi dritt dovuta lilu ai termini tal-Artikolu 9 tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-Passnger Sales Agency Agreement (PSAA) fuq imsemmija oltre l-fatt li tali agir irresponsabbli huwa kkunsidrat ukoll mill-Asssocjazzjoni rikorrenti bi ksur tal-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kummercjali u l-principji fundamentali tal-kompetizzjoni gusta ;*

*Illi inoltre s-socjetajiet intimati huma wkoll ikkunsidrati li qed jiksru wkoll subartikolu 9.3.2. Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikament Sezzjoni 9 intitolata 'Conditions for Payment of Commission and other Remuneration', liema subartikolu jikkontempla li r-rimunerazzjoni ghandha tinghata lill-agent tal-ivjaggar mhux biss fuq it-'tariffa applikabbli' izda wkoll fuq kwalsiasi 'charge' li jifforma parti mill-prezz tal-biljett tal-ajru eskluzi t-taxxi relattivi pagabbli minn kull min jixtieq isiefer minn Malta ;*

*Illi konsegwenza ta` hekk l-agenti tal-ivjaggar membri tal-FATTA qed ibatu finanzjarjament minhabba nuqqas ta` bejgh ta` biljetti tal-ajru fuq rotot offruti mis-socjetajiet intimati konsegwenzjali tan-'net fare scheme' de quo adoperata ;*

*Illi l-International Air Transport Asssociation li suppost hija l-entita` li ghandha tissalvagwardja l-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) f`kull aspett tal-imsemmi ftehim, baqghet passiva fil-konfront tal-ksur lampanti da parti mis-socjetajiet konvenuti ;*

*Illi nonostante li l-Assocjazzjoni rikorrenti kienet intavolat protest gudizzjarju kontra s-socjetajiet konvenuti li mhux biss baqghet andempjenti izda njoraw ghal kollox dak li dwaru kienu imsemmija fil-protest gudizzjarju ;*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-Assocjazzjoni rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qed jagixxu rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-Passnger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikament Artikolu 9.*

*2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agiur irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) hekk specifikat.*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti.*

*4. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluz tal-protest gudizzjarju li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-assocjazzjoni attrici u l-lista ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-**24 ta` Lulju 2007** fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar l-Erbgha 24 ta` Ottubru 2007 fid-9.15 a.m. u ordnat in-notifika tal-avviz tas-smigh tal-kawza lill-partijiet.

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) ipprezentat fit-**30 ta` April 2008** li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn, l-assocjazzjoni rikorrenti u socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) abbazi*

*tal-'Passenger Sales Agency Agreement' (PSAA), u dan peress illi l-assocjazzjoni rikorrenti mhix parti ta' dan il-ftehim. Illi ghalhekk l-assocjazzjoni rikorrenti m'ghandiex interess guridiku li tippromwovi din il-kawza abbazi ta' dan l-arrangament ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari, wahda mill-allegazzjonijiet ta' l-assocjazzjoni rikorrenti hi li s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser il-principju fondamentali tal-kompetizzjoni gusta. Illi bir-rispett kollu jigi rilevat, illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex kompetenza illi tissindaka tali allegat agir u dan ai termini ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-assocjazzjoni rikorrenti ma tistax tippromuovi tali kawza u titlob li jigu likwidati lilha peress illi tali assocjazzjoni mhix qed issofri ebda dannu peress illi l-unici partijiet illi jistghu jallegaw illi qed isofru dannu minhabba xi allegat ksur ta' l-imsemmi 'Passenger Sales Agency Agreement', huma biss il-partijiet soggetti ghal tali ftehim, u li l-assocjazzjoni rikorrenti definittivament mhix wahda minnhom ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-azzjoni odjerna u t-talbiet kollha kemm dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-agenti ta' l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA u f'kull kaz is-socjeta' konvenuta adempjiet ruhha mal-"Passenger Sales Agency Agreement" u mar-Resolution 818 u ma' l-obbligi minnha assunti kif ser jigi stabbilit b'mod ampju, jekk ikun hemm bzonn, matul is-smigh tal-kawza ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett mis-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) tal-biljetti ta' l-ajru minn fuq l-internet website ta' Deutsche Lufthansa AG huwa konformi mal-'Passenger Sales Agency Agreement' stante illi dan l-arrangament jirregola biss ir-relazzjoni kummercjali bejn l-agenti ta' l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA, u l-linji ta' l-ajru,*

*u dunque dan l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-mod kif is-socjeta' konvenuta tbiegh direttament il-biljetti ta' l-ajru ;*

*6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett mis-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) tal-biljetti ta' l-ajru minn fuq l-internet website ta' Deutsche Lufthansa AG huwa konformi ma' Rezoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSSA) stante illi l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-prezzijiet tal-biljetti ta' l-ajru mibjughin direttament mis-socjeta' konvenuta. Illi dawn huma kunsiderazzjonijiet purament kummercjali ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser il-Kodici Kummercjali u l-principji fondamentali tal-kompetizzjoni gusta, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta, u dan apparti illi tali allegazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata minn din l-Onorabbli Qorti u dan stante il-mod generiku li biha qed issir tali allegazzjoni fejn mhux qed jigi ndikat b'mod preciz liema provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc u tal-Att tal-Kompetizzjoni qeghdin allegatament jigu miksura mis-socjeta' konvenuta.*

*8. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi l-agir tas-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) hija diskriminatorja, hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta ;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi l-agir tas-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) qieghda tikser sub-artiklu 9.3.2 ta' Rezoluzzjoni 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta ;*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-assocjazzjoni rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany).

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) ipprezentat fit-**30 ta` April 2008** li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn, l-assocjazzjoni rikorrenti u socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) abbazi tal-'Passenger Sales Agency Agreement' (PSAA), u dan peress illi l-assocjazzjoni rikorrenti mhix parti ta' dan il-ftehim. Illi ghalhekk l-assocjazzjoni rikorrenti m'ghandiex interess guridiku li tippromwovi din il-kawza abbazi ta' dan l-arrangament ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari, wahda mill-allegazzjonijiet ta' l-assocjazzjoni rikorrenti hi li s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) qieghda tikser il-principju fondamentali tal-kompetizzjoni gusta. Illi bir-rispett kollu jigi rilevat, illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex kompetenza illi tissindaka tali allegat agir u dan ai termini ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-assocjazzjoni rikorrenti ma tistax tippromuovi tali kawza u titlob li jigu likwidati lilha peress illi tali assocjazzjoni mhix qed issofri ebda dannu peress illi l-unici partijiet illi jistghu jallegaw illi qed isofru dannu minhabba xi allegat ksur ta' l-imsemmi 'Passenger Sales Agency Agreement', huma biss il-partijiet soggettivi ghal tali ftehim, u li l-assocjazzjoni rikorrenti definittivament mhix wahda minnhom ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-azzjoni odjerna u t-talbiet kollha kemm dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi, s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-agenti ta' l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA u f'kull kaz is-socjeta' konvenuta adempjiet ruhha mal- Passenger Sales Agency Agreement' u mar-Resolution 818 u ma' l-obbligi minnha assunti kif ser jigi stabbilit b'mod ampju, jekk ikun hemm bzonn, matul is-smigh tal-kawza ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett mis-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) tal-biljetti ta' l-ajru minn fuq l-internet website ta' Deutsche Lufthansa AG huwa konformi mal-'Passenger Sales Agency Agreement' stante illi dan l-arrangament jirregola biss ir-relazzjoni kummercjali bejn l-agenti ta' l-ivvjaggar akkreditati mill-IATA, u l-linji ta' l-ajru,*

*u dunque dan l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-mod kif is-socjeta' konvenuta tbiegh direttament il-biljetti ta' l-ajru ;*

*6. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh dirett mis-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) tal-biljetti ta' l-ajru minn fuq l-internet website ta' Deutsche Lufthansa AG huwa konformi ma' Rezoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSSA) stante illi l-arrangament ma jirregolax u ma jillimitax il-prezzijiet tal-biljetti ta' l-ajru mibjughin direttament mis-socjeta' konvenuta. Illi dawn huma kunsiderazzjonijiet purament kummercjali ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi s-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) qieghda tikser il-Kodici Kummercjali u l-principji fondamentali tal-kompetizzjoni gusta, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta, u dan apparti illi tali allegazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata minn din l-Onorabbli Qorti u dan stante il-mod generiku li biha qed issir tali allegazzjoni fejn mhux qed jigi ndikat b'mod preciz liema provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc u tal-Att tal-Kompetizzjoni qeghdin allegatament jigu miksura mis-socjeta' konvenuta ;*

*8. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi l-agir tas-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) hija diskriminatorja, hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta ;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni illi l-agir tas-socjeta' konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) qieghda tikser sub-artiklu 9.3.2 ta' Rezoluzzjoni 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kategorikament michuda mis-socjeta' konvenuta ;*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-assocjazzjoni rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta).

Rat illi fl-udjenza tal-**5 ta` Mejju 2008** din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza ghall-udjenza tat-**30 ta` Mejju 2008** ghat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari.

Rat illi fl-udjenza tat-**30 ta` Mejju 2008** din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza ghall-udjenza tas-**6 ta` Ottubru 2008** sabiex taghti decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza u cioe` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Deutsche Lufthansa AG (Germany) u Deutsche Lufthansa AG (Malta).

Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-**6 ta` Ottubru 2008** fejn fid-*decide* qalet hekk :-

*Ghal dawn il-motivi*

*Il-Qorti tiddeciedi billi ;*

*tordna s-sospensjoni ta' dawn l-proceduri u tirreferi l-imsemmija kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc gust sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi.*

*Il-kawza tibqa differita sine die riappuntabbili wara li tinghata d-decizjoni mill-Kummissjoni.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tat-**8 ta` Mejju 2013** fejn irriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza tal-**10 ta` Gunju 2013** fid-9.00 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-**10 ta` Gunju 2013** fejn *inter alia* jinghad :-

*Il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-Assocjazzjoni attrici illi, almenu mad-daqqa t`ghajn, ma jirrizultax illi mid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, u cioe` mis-16 ta` Lulju 2007 sal-lum il-konvenuta International Air Trasnport Association ma jirrizultax illi qatt kienet notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, u kwindi din il-Qorti qieghda tidderigi lill-Assocjazzjoni attrici sabiex tirregola ruhha.*

Rat id-digriet taghha tas-**17 ta` Ottubru 2013** fejn laqghet it-talba tal-assocjazzjoni attrici sabiex tinnotifika lill-konvenuta International Air Transport Association barra mill-pajjiz, precizament fl-Italja.

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenuta International Air Transport Association ipprezentat fis-26 ta` Novembru 2013 u taqra hekk :-

*1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici ghandha titqies dezerta fit-termini tal-Art 963 tal-Kap 12 stante li (i) l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa entro t-terminu perentorju ta` sitt (6) xhur stabbilit mil-ligi ; u (ii) fi kwalunkwe kaz l-attrici naqset milli tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti fir-rigward tan-notifiki kif jirrizulta mill-verbal tas-seduti tad-9 ta` Novembru 2007, 26 ta` Novembru 2007, 21 ta` Jannar 2008, 4 ta` April 2008 u tal-10 ta` Gunju 2013 ;*

*2. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici tirreka pregudizzju lill-esponenti stante li din giet notifikata biss f`Novembru 2013 ghad li l-kawza ilha prezentata sa mis-16 ta` Lulju 2007 u fiha*

*saru diversi atti u sahansitra inghatat sentenza parzjali, liema atti m`ghandhomx jaghmlu stat fil-konfront tal-esponenti stante li din qatt ma giet notifikata bl-atti promotorji u lanqas inghatat il-fakulta` li tidher u taghmel is-sottomissjonijiet taghha u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-esponenti hija intempestiva stante li l-esponenti qatt ma giet notifikata b`xi protest kif jissemma fir-rikors guramentata u bl-ebda att iehor ;*

*4. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta` esponenti mhijiex legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-esponenti ma tista tintervjeni bejn il-linji tal-ajru u l-agenti tal-ivvjaggar ;*

*5. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti ma tidholx f`arrangamenti kummercjali bejn agenti tal-ivvjaggar u vetturali bl-ajru u kwindi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti ma jistghux jirnexxu ;*

*6. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ;*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti ma kkagunat l-ebda danni lill-esponenti u m`ghandha twiegeb ghall-ebda danni ;*

*8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta` dawn l-eccezzjonijiet, l-esponenti kif rapprezentata tiddikjara dan li gej :-*

*1. Illi l-esponenti hija organizzazzjoni internazzjonali li toffri servizzi lill-industrija tat-trasport bl-ajru inkluz fir-rigward ta` pagamenti u sistemi ta` pagament ta` biljertti tal-ajru maghmula minn agenti tal-ivvjaggar u dan permezz ta` sistema elettronika imsejjha "Billing and Settlement Plan (BSP)" ;*

*2. Illi madwar id-dinja, il-bejgh tal-biljetti tal-ajru lill-passiggieri jsir jew mil-linji stess jew permezz ta` agenti tal-ivvjaggar, li jistghu jaghzlu li jidhlu fil-"Passenger Agency Programme" amministrat mill-esponenti li jawtorizza lill-agenti sabiex ibieghu biljetti direttament, kif awtorizzati mil-linji tal-ajru ;*

*3. Illi d-decizjoni ta` jekk agenzija tidholx fil-Passenger Agency Programme tvesti unikament fl-agenzija tal-ivvjaggar ;*

*4. Illi kwalsiasi haga relatata ma` drittijiet tal-agenti, kummissjonijiet jew kumpens tal-agenziji tal-ivvjaggar tohrog `il barra mill-ghanijiet tal-esponenti u tal-arrangamenti kummercjali bejn l-agenziji tal-ivvjaggar u l-vetturali sal-punt li l-esponenti ma tidholx fil-materja ;*

*5. Illi l-Passenger Sales Agency Agreement jipprovdi espressament fl-Art 3.1 li "the agent is authorised to sell air passenger transportation on the services of the Carrier and on the services of other air carriers as authorised by the carrier". Imbaghad ikompli fl-Art 3.2 li "all services sold pursuant to this agreement shall be sold on behalf of the carrier and in compliance with carriers tariffs, consition of carriage and the written instruction of the carrier as provided to the Agent" ; filwaqt li fl-Art 7.2 hemm provdut li "all monies collected by the agent for trasnportation and ancillary services sold under this agreement, including applicabnle remuneration which the agent is entitled to claim thereunder are the property of the carrier and must be held by the agent in trust for the carrier on behalf of the carrier until satisfactorily accounted for to the carrier and settlement made". Dwar ir-rimunerazzjoni tal-agenti, Art 9 jipprovdi li : "for the sale of air transportation and ancillary services by the agent under this agreement the carrier shall remunerate the agent in a manner and amount as may be stated from time to time and communicated to the agent by the carrier. Such remuneration shall constitute full compensation for the services rendered to the Carrier." ;*

*6. Illi jsegwi li l-esponenti ma tidholx fl-arrangament kummercjali bejn l-agenti tal-ivvjaggar u l-vetturali bl-ajru u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti ma jistghux jirnexxu.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta International Air Transport Association.

Rat in-nota li l-assocjazzjoni attrici pprezentat fis-6 ta` Frar 2014.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2014, bl-adezjoni tal-partijiet, il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta International Air Transport Association sabiex imbaghad taghti sentenza dwarha. In kwantu ghal provi dwar din l-eccezzjoni, il-partijiet qaghdu fuq l-atti.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta International Air Transport Association.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. <u>Dritt</u>

Bl-ewwel eccezzjoni taghha, il-konvenuta International Air Transport Association qeghda teccepixxi d-dizerzjoni tal-azzjoni attrici abbazi tal-**<u>Art 963 tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

*(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.*

*(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*

*(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.*

*(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.*

*(5) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi :*

*(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha ; u*

*(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.*

*(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.*

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-5 ta' Gunju, 2003 fil-kawza "**Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et**" jinghad hekk :-

*"Illi d-dezerzjoni tapplika minhabba l-htiega li proceduri bil-miktub ta' kull kawza (jigifieri qabel ma tibda t-trattazzjoni taghha) jmisshom jaghlqu sa zmien li l-ligi tghid li huwa perentorju. Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad, dan iz-zmien huwa ta' sitt (6) xhur, li l-ligi trid li jibda ghaddej minn dak inhar li jitressaq l-Att tac-Citazzjoni ;*

*Illi meta l-istitut tad-dezerzjoni ddahhal fil-Kodici procedurali taghna, kien japplika biss ghal dawk il-kawzi li tressqu bil-ghamla solenni (jigifieri, bil-mezz tal-libell) : hemm il-fehma, ghalhekk, li dan l-istitut ma japplikax ghal dawk il-kawzi mibdija bil-procedura sommarja, jigifieri b'Att tac-Citazzjoni ;*

*Illi wiehed irid jara jekk kemm-il darba dan li ghadu kemm inghad ghadux ighodd illum, jigifieri wara li dahlu fis-sehh il-bidliet fil-Kodici fl-1995, fejn il-forma solenni fl-ewwel grad tnehhiet izda ma tnehhiex l-istitut tad-dezerzjoni. Dan jinghad ghaliex fis-subartikolu (2) tal-artikolu 963, li jitkellem dwar minn meta jibda jinghadd iz-zmien ta' sitt xhur, il-ligi ssemmi "l-prezentata tac-citazzjoni". Minkejja dan, din il-Qorti, diversament presjeduta, kellha l-opportunita' li tqis din il-kwestjoni u kienet uriet il-fehma li s-sitt (6) xhur imsemmija fl-artikolu 963(1) kif inhu llum xorta ma japplikawx ghall-procedura mibdija b'Att ta' Citazzjoni, ghaliex fi proceduri sommarji m'hemmx zmien ghall-atti miktuba ;*

*Illi, madankollu, wiehed ghandu jsemmi li l-ligi, wkoll f'dak li jirrigwarda l-proceduri informali jew sommarji, tiffissa zmien jew fazi ta' proceduri preliminari li matulhom huwa mistenni li jitressqu l-atti bil-miktub mill-partijiet u li, ma` l-gheluq tieghu, il-kawza titqieghed fuq il-listi ghas-smigh. F`dan il-kaz, allura, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-istitut tad-dezerzjoni jsir japplika b'dak il-mod u f'dawk ic-cirkostanzi, ukoll fil-kaz ta' proceduri mibdijin b'Att ta' Citazzjoni ;*

*Illi ghal zmien twil, id-disposizzjonijiet tal-ligi ghar-rigward gew imfissra u applikati b'mod iebes u intransigenti ghall-ahhar u dan bil-hsieb li jigi mhares in-nuqqas ta' dewmien mhux mehtieg fil-kawzi. Min-naha l-ohra jidher li huwa daqstant xieraq u misthoqq li l-ligi tassikura li s-sanzjonijiet mahsuba fl-istitut tad-dezerzjoni ma jintefghux fuq il-parti li tonqos li twettaq il-parti taghha fiz-zmien stabilit minkejja r-rieda taghha, jew jekk turi li trid tuza l-hila kollha taghha biex tilhaq lill-parti l-ohra, jew fejn il-parti l-ohra tirrinunzja ghall-eccezzjoni ;*

*Illi, kif inghad minn din il-Qorti wkoll, l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htijiet amministrativi tal-Qorti. Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhal issa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum tal-ewwel smigh ;*

*Illi ghalhekk, jidher li l-waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 huwa dak ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data ;*

*Illi minbarra f'dan, din il-Qorti temmen li l-ligi fir-rigward trid titqies kollha, u wiehed ma jridx iwarrab minn quddiemu dak li jghid l-artikolu 963(5) tal-Kap 12 dwar iz-zmien imsemmi fis-subartikolu (2) ghal dak li jirrigwarda kawzi li jkunu pendenti quddiem il-Qorti fl-ewwel grad. F'dak il-kaz, il-ligi tghid li kawza li l-proceduri bil-miktub taghha ma jinghalqux fi zmien tas-sitt (6) xhur, titqies li tqeghdet fuq il-lista tal-kawzi li, f'cirkostanzi ohrajn, jithallew sine die taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 964 tal-istess Kodici. L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 ma jghidx li l-kawza trid tkun segwiet l-iter imsemmi fl-artikolu 964(1), imma biss li, f'kaz li kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-procedura bil-miktub taghha ma tkunx inghalqet fiz-zmien imfisser fl-artikolu 963(1), din titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista tas-smigh u titqies bhala kawza li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret sine die, ghalkemm fil-fatt ma tkun ghadha qatt hekk tqeghdet ;*

*Illi ghandu jinghad ukoll li l-Att XXXI tal-2002 jahseb ghal tibdil li jolqot l-istitut tad-dezerzjoni, imma sal-waqt li qeghda tinghata din is-sentenza tali tibdil ghadu ma dahalx fis-sehh. Madankollu, minkejja dak it-tibdil, l-artikolu 963 ma giex mimsus ;*

*Illi l-frazi "ghandha titqies" li tinsab fl-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 trid tigi mfissra kif riedha l-legislatur, jigifieri li kawza fl-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub taghha ma jkunux inghalqu fiz-zmien ta' sitt xhur, tkun tqeghdet ghas-smigh u thalliet b'ordni tal-Qorti sine die, bl-effetti mahsuba fl-artikolu 964 dwar kawzi hekk imhollija, maghdud maghhom l-istadju tal-pubblikazzjoni tal-listi kif hemm imfisser ;*

*Illi dejjem marbuta mal-kwestjoni tad-dezerzjoni u ghall-finijiet tal-artikolu 732(2) tal-Kap 12, irid jinghad ukoll li l-eccezzjonijiet taht ezami tressqu mill-imharrkin f'waqthom u qabel kull eccezzjoni ohra u ghalhekk m'hemmx dubju li huma ma rrinunzjawx ghaliha b'xi ghamil iehor waqt it-trattazzjoni. Dan il-fatt juri wkoll li l-eccezzjoni tad-dezerzjoni trid titqanqal specifikatament biex il-Qorti taghti widen ghaliha : id-dezerzjoni m'hijiex kostatazzjoni li l-Qorti tista' minn rajha tqanqal ex ufficio. Kieku dan mhux il-kaz, l-artikolu 963(4) tal-Kap 12 ma jinftihemx …"*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Jannar 2000 fil-kawza "**Francesco Saverio Frendo vs Rev. Giuseppe Frendo et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Fil-kaz ta' kawzi fl-ewwel grad fejn ma jkunx gie osservat id-dispost tas-subinciz 1 ta' l-istess artikolu u fejn allura l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fiz-zmien stipulat – kif hu l-kaz taht ezami – 'din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata u d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom ikunu*

*japplikaw ghaliha.*

*Kjarament allura l-ligi ma tridx illi f'kaz ta' kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad ikun hemm dezerzjoni awtomatika meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux gew maghluqa fi zmien statutorju. Il-Qorti f'dan il-kaz stabbiliet procedura preciza kif tali dezerzjoni kellha, f'dawn il-kazijiet, tavvera ruhha."*

Fis-sentenza taghha tal-**<u>31 ta` Jannar 2003</u>** fil-kawza "**<u>Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Infatti, f'sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet* ***"Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd."*** jinghad hekk :-

*'Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata nterpretazzjoni aktar wiesa' minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem Qorti ta' l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 963, bhala x'hiex "ghandha titqies" ? Ir-risposta hija cara : ghandha titqies bhala (i) kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista' ta' kawzi ghas-smiegh, u (ii) bhala kawza li tkun, b'ordni tal-Qorti, thalliet sine die. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni "shall ... be deemed to be". Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza "ghandha titqies" ukoll li tqieghdet fuq il-lista msemmija fl-artikolu 964(1). Tali Interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 (bil-"pubblikazzjoni" ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha ; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi l-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti. Dak li kellu jsir f'din il-kawza kien li, jekk il-Prim' Awla ma riditx thalli l-kawza sine die kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dak li jipprovdi l-*

*artikolu 963(5)(a) imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti ... peress li f'din il-kawza, allura, ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta".*

## III. <u>Fatti</u>

Bhala provi dwar l-eccezzjoni tad-dezerzjoni, il-partijiet qaghdu fuq l-atti.

Skond l-atti jirrizulta hekk :-

1) Ir-rikors guramentat kien prezentat fis-16 ta\` Lulju 2007 ;

2) Fl-24 ta\` Lulju 2007, din il-Qorti diversament presjeduta appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta\` Ottubru 2007 ;

3) Fit-30 ta\` Lulju 2007, ir-Registratur tal-Qorti hareg l-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza ;

4) Skond il-folder a fol 15 datat 16 ta\` Lulju 2007, jidher li l-atti hargu ghan-notifika *anke* tal-konvenuta International Air Transport Association ;

5) Ma jirrizultax x\`gara minn dan it-tentattiv ta\` notifika ;

6) Bejn l-udjenzi tad-9 ta\` Novembru 2007 u tal-4 ta\` April 2008 il-kawza baqghet ghan-notifika ; ta\` liema konvenut jew konvenuti ma jirrizultax ;

7) Fit-30 ta\` April 2008, il-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Germany) ipprezentat risposta guramentata ;

8) Fit-30 ta\` April 2008, il-konvenuta Deutsche Lufthansa AG (Malta) ipprezentat risposta guramentata ;

9) Fl-udjenza tal-5 ta\` Mejju 2008, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza ghat-30 ta\` Mejju 2008 ghat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari ;

10) Fl-udjenza tas-6 ta\` Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta tat sentenza parzjali dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Deutsche Lufthansa AG (Germany) u Deutsche Lufthansa AG (Malta) ;

11) Fl-istess udjenza tas-6 ta` Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli wara li tkun inghatat decizjoni mill-Kummissjoni dwar il-Kummerc Gust ;

12) Il-kawza kienet ghadha *sine die* sa ma din il-Qorti kif presjeduta b`digriet taghha tat-8 ta` Mejju 2013 irriappuntat il-kawza skond l-Art 964(2) tal-Kap 12 ghall-10 ta` Gunju 2013 ;

13) Fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2013, il-Qorti ssenjalat illi skond l-atti ma kenitx tirrizulta n-notifika tal-konvenuta International Air Transport Association bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza ;

14) Ghalkemm ma tirrizultax mill-atti d-data tan-notifika tal-konvenuta International Air Transport Association, jirrizulta li fis-26 ta` Novembru 2013 l-istess konvenuta pprezentat risposta guramentata fejn bhala l-ewwel eccezzjoni taghha tat id-dezerzjoni tal-azzjoni attrici li qeghda tkun deciza llum.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fl-isfond tal-mod kif svolgew il-fatti fil-kaz tal-lum, ta` dak li jghid l-Art 963 tal-Kap 12 (*supra*), u tal-interpretazzjoni li nghatat id-disposizzjoni mill-Qrati taghna (*supra*), hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li t-terminu perentorju ta` sitt xhur skond l-Art 963(1) tal-Kap 12 ma jistax jigi nvokat mill-konvenuta International Air Transport Association sabiex issostni d-dezerzjoni tal-azzjoni attrici, ghaliex baqa` ma sehhx dak li jipprovdi l-Art 963(5)(a), li mieghu jrid jitqies l-Art 964(1) tal-Kap 12. Jinghad hekk ghaliex ghalkemm jirrizulta li kienu ghaddew sitt xhur kemm mill-presentata tar-rikors guramentat, kif ukoll mid-data tad-digriet tal-appuntament tas-smigh tal-kawza, il-kawza baqghet ma tpoggietx fil-lista tal-kawzi li marru *sine die* bil-pubblikazzjoni skond il-ligi da parti tar-Registratur tal-Qorti.

Mhuwiex rilevanti ghas-sentenza tal-lum il-fatt li l-kawza kienet thalliet *sine die* wara s-sentenza parzjali li din il-Qorti diversament presjeduta tat fis-6 ta` Ottubru 2008

ghaliex dak il-provvediment mhuwiex relatat mal-konsiderazzjonijiet li qeghda taghmel il-Qorti fil-kuntest tal-eccezzjoni de qua.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi b`dak li qeghda tipprovdi llum mhijiex tqis dak li jghid l-Art 963(3) tal-Kap 12 kif inhu llum billi fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, *ma jidhirx* li dak is-subinciz kien ghadu dahal, wara li kien introdott bis-sahha tal-Art 29 tal-Att VIII tal-2007.

Tqis ukoll il-fatt illi l-Qorti (diversament presjeduta) tat sentenza parzjali dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Deutsche Lufthansa AG (Germany) u Deutsche Lufthansa AG (Malta) meta mill-atti ma kienx jirrizulta li kienet notifikata l-konvenuta International Air Transport Association bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta International Air Transport Association, u tordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez tad-decizjoni tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------